# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Artikoli 308, 309, 310, 188, 17(b), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali**
**Artikolu 120 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta**

## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexandra Mamo**
**V**

**ANNA MIZZI**

**Seduta ta' llum, 11 ta' Lulju, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **ANNA MIZZI** ta’ wiehed w erbghin sena bint Emanuel Tonna u Doris nee Mercieca, imwielda Bormla nhar l-hdax ta' April, 1957 u residenti 6, Triq San Mark, Bormla, detentrici tal-karta tal-identita numru 285957M giet mressqa quddiemha akkuzata:

1. Talli f’dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni

wahda b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor jew ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew krediti mmaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef lira maltin ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra.

2. Talli sabiex tikseb vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz.

3. Talli bi skop li takkwista xi hlas taht l-Att dwar s-Sigurta Socjali ghaliha nnifisha jew ghal xi hadd iehor jew ghal xi skop iehor li ghandu x'jaqsam mal-Att dwar s-Sigurta Socjali, xjentement jew bi traskuragni ghamlet dikjarazzjoni falza jew uriet haga b'ohra.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli minghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha ta' Frar, 2001 a fol 128 tal-atti odjerni.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-ghoxrin ta' Mejju, 2002.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kien ircieva rapport minghand Emanuel Degiorgio fejn d-Dipartiment gie nfurmat li l-imputata kienet tghix mieghu u fl-istess hin kienet tircievi l-Ghajnuna Socjali.

**Francis Tedesco**, rappresentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, **xehed nhar t-tmienja ta' Frar, 1999**, (fol 24 et seq) li Emanuel Degiorgio kien qalilhom li huwa kien ilu jghix mal-imputata minn Awissu, 1994, meta huwa kien gie allokat post mill-Housing Department u cioe 111, Flat 26, Triq San Giusepp, il-Belt Valletta. Huwa allega wkoll li l-imputata kienet zammet indirizz differenti u cioe dak fejn kien et tghix ommha li hu 61, Triq San Mark, Bormla, sabiex tircievi c-cekk tal-Ghajnuna Socjali. Dan x-xhud kkonferma li l-imputata kienet qed tircievi l-Ghajnuna Socjali bir-rata ta' disgha w ghoxrin lira maltin u sitta w erbghin centezmu fil-gimgha u lira u

erbgha w tletin centezmu fil-gimgha bhala *additional bonus* peress li allegatament bintha Lucienne kienet tghix maghha, u dawn kienet tircevihom fl-indirizz ta' Bormla. Hija irceviet l-Ghajnuna Socjali mit-tlettax ta' Ottubru, 1989 sas-sitta w ghoxrin ta' Gunju, 1998. Huwa spjiega li l-imputata qatt m'ammettiet li kienet tghix ma Emanuel Degiorgio u f'kaz li ammettiet, ma kienetx tkun intitolata ghal tali hlasijiet.

**Emanuel Degiorgio xehed nhar d-disgha ta' April, 1999** (fol 41 et seq) fejn spjiega li meta ltaqa ma l-imputata fis-sena 1993, hija kienet qed tahdem ma Robert Arrigo. Dan ix-xhud spjiega li huwa beda jikkoabita maghha f'Awissu, 1994 u kien jmantniha hu billi kien jaghtiha somma ta' tletin jew erbghin lira maltin fil-gimgha. Stqarr li hu ma kienx jaf bl-introjtu taghha ghaliex ma kienetx turih ghalkemm huwa kien juriha kollox. Huwa kien talabha biex jbiddel l-indirizz taghha fuq il-karta tal-identita kif del resto ghamlet bintha, pero l-imputata ma rieditx. Huwa kkonferma li ghamel r-rapport tieghu fid-Dipartiment wara li l-istess imputata telqitu u sussegwentement kienet baghtet ghalih il-Pulizija w ikkonfema dan r-rapport ghand il-Pulizija Ezekuttiva.

**Fiona Degiorgio xehdet nhar l-erbgha ta' Novembru, 1999** (fol 71) fejn kkonfermat li taf lil imputata bhala l-istess persuna li kienet tghix ma missierha, Emanuel Degiorgio, ghal perjodu ta' bejn hames u sitt snin. Hija ma kienetx tghix maghhom ghalkemm ghaddiet xi gimgha maghhom u f'dik il-gimgha l-imputata kienet tohrog ghax-xoghol (kif kienet tghid hi) kmieni u tirritorna lura ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar. Dwar jekk l-imputata rcevietx Ghajnuna Socjali waqt li kienet tghix ma missierha, din x-xhud ma kienetx f'posizzjoni li telabora.

**Anthony Mckay xehed nhar l-ewwel ta' Settembru, 2000** (fol 113 et seq) fejn kkonferma li l-imputata kienet qed tghix ma Emanuel Degiorgio fi flat hdejn Sant Iermu il-Belt Valletta.

**Robert Arrigo xehed nhar d-disgha ta' April, 1999** (fol 39 et seq) fejn kkonferma li bejn s-snin 1985 u 1998 l-imputata kienet tahdem mieghu bhala *maid* fid-dar tieghu *off and on* u ex admissis jghid li meta kienet tadhem kienet tithallas minghandu.

**L-imputata Anna Mizzi ma xehditx f'dawn il-proceduri pero l-Ufficjal Prosekutur esibit stqarrija li hija kienet hadet** minghand l-imputata **nhar l-ghoxrin ta' Novembru, 1998**, liema

stqarrija tinsab esibita fl-atti w mmarkata bhala dokument AFM 1 a fol 20.  Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-imputata wiegbet diversi domandi pero dawk d-domandi li sarulha in konnessjoni ma Emanuel Degiorgio baqghet ma rispondithomx, kif kellha kull dritt taghmel.  Jibqa l-fatt pero li fl-ebda stadju tal-proceduri ma hija cahdet dak li allega fuqha Emanuel Degiorgio, bintu Fiona Degiorgio, Robert Arrigo u Anthony McKay dwar fejn kienet tghix u tahdem u dwar dak li qal fuqha r-rappresentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

L-Avukat Difensur sostna fid-difiza tieghu principalment li din il-kawza hija bazata fuq gideb ghaliex huwa stqarr li mhux minnu li l-imputata kienet qed tghix ma Emanuel Degiorgio w inoltre li kienet tahdem ma Robert Arrigo u li kienet tircievi l-Ghajnuna Socjali.

Illi bir-rispett kollu pero biex il-Qorti tasal biex taqbel mal-Avukat Difensur, trid per forza ma temminx lil Emanuel Degiorgio, Fiona Degiorgio, Anthony Makay, Robert Arrigo u lir-rappresentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali  u toqghod fuq s-sottomissjonijiet verbali tal-Avukat Difensur.  L-imputata fl-ebda hin ma ppruvat tikkontradixxi l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni la billi tixhed hi, u jekk hu minnu tgiddeb lil Emanuel Degiorgio jew trassaq lil ommha u

bintha li allegatament stqarret li kienet tghix maghhom, jew tressaq xi girien taghha minn Bormla. Dan pero ma ghamlitux u strahet biss fuq l-allegazzjonijiet li ghamel l-Avukat Difensur taghha, li fil-fehma tieghu dan huwa kaz bazat fuq infamja.

L-Avukat Difensur jghid li Emanuel Degiorgio ma jistax jkun kredibbli meta f'mument minnhom jghid li huwa ghex mal-imputata ghal perjodu ta' cirka hemes snin u fl-istess nifs jghid li ma kienx jaf li kienet tircievi l-Ghajnuna Socjali. Huwa sostna wkoll li ma hux minnu li l-imputata kienet tghix mieghu (Emanuel Degiorgio) il-Belt Valletta. Hawnhekk il-Qorti tistaqsi; xi prova ressqet l-imputata biex tiskredita x-xhud li ma kienetx tghix mieghu? Xejn. L-imputata qaghdet biss fuq kongetturi maghmula fit-trattazzjoni orali mill-Avukat Difensur taghha.

Illi minn ezami tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali jirrizulta li fl-ewwel lok l-imputata giet akkuzata bir-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap 9 u cioe dikjarazzjoni falza jew taghrif falz lil awtorita pubblika.

Illi dan l-artikolu 188 jiddisponi s-segwenti u cioe:

*"Kull minn sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew jaghti taghrif falz…"*

Illi mix-xhieda ta' Francis Tedesco, li ma hi kontradetta minn hadd, l-imputata kienet tircievi l-Ghajnuna Socjali fl-indirizz moghti minnha u cioe 61, Triq San Mark, Bormla. Illi hija ddikjarat wkoll li kienet tghix ma ommha. Issa skond dan l-istess xhud Francis Tedesco, fi protest maghmul minn Anna Mizzi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju, 1998, u kopja ta' dan il-protest jinsab esibit fl-atti permezz ta' digriet tal-Qorti tal-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 2002, l-istess Anna Mizzi ddikjarat li kienet tghix ma Emanuel Degiorgio. Fil-fatt minn ezami ta' dan il-proetest jirrizulta li l-imputata ddikjarat li ghamlet zmien tikkoabita ma PC 878 Emanuel Degiorgio ghal diversi snin. Illi ghalhekk d-dikjarazzjoni maghmula fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li ghamlet l-istess imputata Anna Mizzi, zgur li kienet falza. Ma hemmx dubbju li dan d-dokument u cioe d-dikjarazzjoni, kienet mahsuba ghal awtorita pubblika (d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali), u permezz tieghu kisbet vantagg fis-sens ta' beneficcju ghaliex bis-sahha tieghu bdiet tircievi l-Ghajnuna Socjali f'dak l-indirizz moghti minnha stess. Ghalhekk l-imputata tat taghrif

falz meta qalet li kienet tghix ma ommha, meta qalet li kienet tghix f'Bormla u meta qalet li kienet tghix ma bintha Lucienne bhala familja u meta qalet li ma kellix mezzi finanzjarji. Dan ghaliex kemm Robert Arrigo kif wkoll Emanuel Degiorgio bil-gurament taghhom qalu li kienu jghaddulha flus, Robert Arrigo kien jghaddilha hlas ghal servizz ta' *maid* li kienet taghtih filwaqt li Emanuel Degiorgio kien jghaddilha flus bhala manteniment.

Illi l-Avukat Difensur sostna li din il-Qorti ma tistax ssib lil imputata hatja ta' din l-akkuza l-ghaliex l-Avukat Generali messu akkuza lil imputata bir-reati naxxenti mill-Kap 318 dwar s-Servizzi Socjali. Ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tohrog l-artikoli ghar-reati moghtija fil-konfront tal-imputata. Huwa minnu li *lex specialis non derogat lex generalis*, pero hija x-xelta tal-Avukat Generali li jara liema huma l-akkuzi li ghandu jakkuza lil imputata bihom. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tara jekk l-fatti specie tal-kaz kif prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirrizultawx ppruvati fil-konfront tal-imputata. Allura l-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tara jekk l-akkuzi kif dedotti jirrizultawx. Huwa minnu li dan il-kaz infetah wisq probabbli fuq rapport ta' tpattija ta' Emanuel Degiorgio versu l-ex tfajla tieghu, pero il-Qorti m'ghandhix ghalfejn tidhol fir-relazzjonijiet bejn terzi persuni

u l-kompitu taghha huwa biss li tara jekk inkisrux disposizzjonijiet tal-ligi.

L-Avukat Generali akkuza lil imputata wkoll bir-reati kontemplati fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe bir-reat ta' frodi b'eghmil qarrieqi.

Illi bir-rispett kollu pero il-Qorti ma thoss li dan r-reat kif kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kap 9 jissusisti ghalkemm jissusisti r-reat kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe intitolat 'kazijiet ohra ta' qligh b'qerq' ghaliex ma hemmx dubbju li f'dan il-kaz l-imputata ghamlet qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308.

L-Avukat Generali ghogbu jiccita wkoll l-artikolu 120 tal-Kap 318 fl-artikoli li hu baghat nhar s-sebgha ta' Frar, 2002 pero minn ezami ta' dawn l-artikoli ma jirrizultax li dan l-artikolu jittratta dwar reat in partikolari, izda ghal piena li ghandha tinghata ghar-reati konnessi taht dak l-Att dwar s-Sigurta Socjali u konsegwentement tali disposizzjoni ma tapplikax peress li l-Avukat Generali m'indika ebda artikolu naxxenti mill-Kap 318.

Il-Qorti giet mitluba wkoll tikkundanna lil imputata thallas l-ispejjes in konnessjoni mal-hatra ta' periti jew esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero minn ezami akkurat tal-atti processwali ma jirrizultax li gew inkorsi xi spejjes in konnessjoni mal-hatra ta' esperti jew periti u ghalhekk din t-talba qed tigi michuda.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu esibita a fol 128 tal-atti, il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputata ANNA MIZZI hatja tal-akkuza ta' frodi kif kontemplat fl-artikolu 309 u talli ghamlet dikjarazzjoni falza jew tat taghrif falz lil awtorita pubblika kif kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibhix hatja tal-akkuzi l-ohra u tilliberha minnhom.

Dwar il-piena il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputata esibita a fol 44 tal-atti odjerni u minn ezami akkurat taghha jirrizulta li l-imputata ghandha biss *conviction* wahda registrata fuqha u cioe li kienet instabet hatja ta' reat maghmul ai termini tal-artikolu 36(1)(a) tal-Att Legali 47/1972 dwar il-Korporazzjoni Telemalta meta nghatat *unconditional discharge* ghal perjodu ta' tlett xhur u ghalhekk fic-cirkostanzi ma thossx li piena karcerarja effettiva hija l-piena idoneja.

Illi minn naha l-ohra pero, il-Qorti ma thossx li ghandha tikkundanna lil imputata thallas multa meta l-istat finanzjarju taghha ma tantx huwa wiehed felici. Illi lanqas ma thoss li ghandu jigi nominat Probation Officer ghaliex ma jidhirx li l-imputata ghandha bzonn min jiggwidha jew jzommha 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita.

**Il-Qorti tiddikjara li** dak li ghamlet l-imputata huwa hazin hafna u ghalhekk stante li r-reat huwa wiehed serju, sejra **tikkundanna lil imputata ANNA MIZZI** ghal piena karcerarja sospiza u ghalhekk qed tikkundannha **komplessivament ghar-reati li l-Qorti sabitha hatja taghhom, ghal piena karcerarja ta' sena liema perjodu qed jigi sospiz ghal tlett snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat t-tifsira ta' din s-sentenza lil imputata u x'jigri f'kaz li tonqos li tosservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll lil Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga lil PC 878 Emanuel Degiorgio sabiex l-istess Kummissarju tal-Pulizija jara jekk huwa kienx jaf li l-imputata kienet qed tircievi**

**l-Ghajnuna Socjali waqt li kienet tghix mieghu ghaliex f'kaz affermattiv, l-istess PC 878 Emanuel Degiorgio huwa komplici f'dan d-delitt u ghalhekk ghandhom jittiehdu passi kriminali fil-konfront tieghu wkoll.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**